# RIŻORSA 10

## Il-ħajja f'sistema totalitarja

"Għaż-żgħażagħ Ġermaniżi, is-snin tletin kienu meraviljużi. Il-bnadar ħomor bl-iswastika, iż-żeppelin li Hitler bagħtu jittajjar fuq il-Ġermanja kollha, l-Awstrijaċi li xtaqu jissieħbu magħna — għalina dan kien bħad-dawl tax-xemx u l-paċi u li nieklu mill-ġdid. Il-ħajja kienet qed titjieb!"

*Sors: Frederic C. Tubach, Growing up in Nazi Germany*

'... Għall-maġġoranza, il-ħajja ta' kuljum tagħhom ma kinitx verament milquta. Xi restrizzjonijiet [...] kienu ftit jew wisq l-istess bħal dawk imposti mill-gvernijiet tal-lemin preċedenti u ġew aċċettati faċilment miċ-ċittadini. Il-logħba kienet li dawn ir-restrizzjonijiet ma kinux jolqtu lill-maġġoranza. [...] Il-kurunelli saħansitra rnexxielhom jirbħu l-approvazzjoni tal-bdiewa peress li ħafrulhom id-djun li kellhom [...]".

*Sors: ċittadin Grieg*

"Benjamin, il-ħmar ix-xiħ, deher pjuttost li ma nbidilx mir-Rewwixta. Kien jagħmel xogħlu bl-istess mod bil-lajma u stinat kif kien jagħmel fiż-żmien ta' Jones: qatt ma farfar, pero lanqas ma offra li jagħmel xogħol żejjed. Dwar ir-Rewwixta u r-riżultati tagħha ma esprima ebda fehma. Meta staqsewh jekk kienx aktar kuntent issa li Jones ma kienx għadu hemm, kien jgħid biss: "Il-ħmir għandhom għomor twil. Ħadd minnkom ma qatt ra ħmar mejjet", u l-oħrajn kellhom jikkuntentaw b'din it-tweġiba misterjuża."

*Sors: "Animal Farm" ta' George Orwell*

"... Irċevejna wkoll biljetti għall-ikel u xi drabi għall-ħwejjeġ. Dawn il-biljetti ngħataw lill-impjegati tajbin u lil oħrajn ukoll. Madankollu, minħabba dawn il-benefiċċji, il-ħaddiema ma tħallewx joħorġu bi strajk. Matul żmien l-Unjoni Sovjetika, il-ħaddiema ma ħarġux bi strajk għax ħadd ma kellu raġuni għala jagħmel dan. Kulħadd kellu xogħol, u miegħu kien hemm ukoll il-benefiċċji."

*Sors: Gendrik Vartanyan*